Il-Ħarsa ta' Rużann – Il-Bidu

Taħriġ:

**Ikkummenta dwar id-differenza fil-karattru ta' Mark-Antonin u dak tal-Baruni x-Xiħ billi timla l-vojt bil-kliem li jidher taħt fil-kaxxa.**

Il-Baruni x-Xiħ u t-tifel tiegħu __________________(1) kienu differenti ħafna minn xulxin. Kellhom ___________________(2) u ideat li ma jaqblux. Il-Baruni kellu moħħ __________________(3) u antikwat dwar in-nobbiltà filwaqt li ibnu kellu mentalità żviluppata u moderna.

Dwar il-klassijiet soċjali ma kienu jaqblu xejn. Mark-Antonin kellu ____________(4) miftuħ, dwar dawn l-affarijiet. Dan għaliex hu kien idur mal-_____________________(5) u kien iltaqa' ma' nies li kienu favur l-idea tal-ugwaljanza. Mark-Antonin kien iddakkar mill-ideat li kienu għaddejjin fl-Ewropa, u għalhekk sar jemmen ukoll fl-ugwaljanza. Xtaq li f'Malta n-nobbli ma jibqgħux superjuri fuq il-Maltin. Xtaq li titfarrak darba għal dejjem is-sistema ___________________(6) li kienet għadha taħdem f'Malta. Il-Baruni x-Xiħ kien jemmen li kulħadd għandu postu fis-__________________ (7). Huwa ried li n-nobbiltà tibqa' minn __________________ (8) għal oħra. Minħabba f'din il-mentalità, hu ma kienx jemmen li l-klassi l-għolja setgħet titħallat mal-klassi tal-bdiewa. Kien għalhekk illi r-relazzjoni ta' Mark-Antonin u Rużann ma setgħetx tibqa' timxi 'l quddiem. Mark-Antonin xtaq jibdel il-fehma ta' missieru, iżda ma rnexxilux.

Għalkemm kien hemm distanza kbira bejn il-Baruni x-Xiħ u ibnu Mark-Antonin, fl-ewwel kapitlu naraw illi Mark-Antonin kien ________________ (9) ħafna lil missieru l-Baruni. M'għamel xejn kontra r-rieda ta' missieru. Beda jibdel kollox meta missieru _____________ (10).

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| magħluq | Ewropa | fewdali | mentalità | ġenerazzjoni |
| miet | Mark-Antonin | moħħ | soċjetà | jirrispettah |